MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2009

Citazzjoni Numru. 77/2007/1

Alfred Vella f'ismu u ghan-nom ta' Dr Karen Kelder Vella, u ta' Maria Vella, Philip Vella, Salvatore Vella f'ismu u ghan-nom ta' Saviour Vella, ta' Emanuel Vella, ta' Joseph Vella, ta' Doris Muscat, Carmelo Vella, Raymond Vella u Francis Vella u permezz ta' nota prezentata fit-30 ta' Lulju 2008 l-attur Alfred Vella ddikjara li qieghed ikompli l-kawza wara l-mewt tal-attrici Maria Vella fil-mori tal-kawza u bhala werriet taghha

Vs

Joseph Vella

Il-Qorti,

**Procedura ghat-tnehhija ta' ezekutur testamentarju – Artikolu 776(2) tal-Kodici Civili.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-16 ta’ Lulju 2007 fejn l-atturi jikkonfermaw:

Fis-26 ta’ Gunju 2006, miet Reverendu Sacerdot Dun Giuseppe Vella.

Skond testment fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono datat 23 ta’ Jannar 2004, huwa innomina bhala esekutur testamenarju lin-neputi tieghu, il-konvenut Joseph Vella.

L-atturi f’din il-kawza gew istitwiti bhala werrieta tad-decujus.

L-atturi jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mill-Artikolu 776 (2) tal-Kodici Civili u jnehhu lil konvenut mill-kariga tieghu bhala ezektur testamentarju.

L-atturi ssostnu illi ghandhom ragunijiet talba sabiex jaghmlu din it-talba, liema ragunijiet jigu pprovati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-atturi mill-bidunett tal-mandat tal-konvenut oggezzjonaw ghal ezekutorija tieghu.

Fost ragunijiet ohra, l-atturi jissottomettu illi Joseph Vella mhuwiex persuna idonea sabiex jaqdi l-obbligi tieghu bhala esekutur testamentarju u dan ghaliex ftit zmien ilu hi gie *boarded out* mill-impjieg li kellu bhala mechanic minhabba dizabilita mentali, ossia chronic depression.

Meta l-konvenut ghamel id-dikjarazzjoni causa mortis fl-Atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech fit-22 ta’ Novembru 2006 dan ghamlu minghajr ma avza lil atturi, bhala werrieta, u minghajr l-awtorizazzjoni taghhom. Illi minbarra dan f’din id-dikjarazzjoni, l-konvenut ma semmiex il-beni kollha immobbli tad-decujus u ddikjara valuri ezagerati ta’ dawk il-immobbli li ddikjara.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din il-Onorabbli Qorti sabiex jigi ddikjarat illi Joseph Vella ghandu jitnehha minn esekutur testamentarju u sabiex

tinnomina persuna ohra li ghandha taqdi d-dmirijiet ta' esekutur testamentarju.

Rat ir-risposta guramentata prezentata minn Joseph Vella fit-28 t'Awwissu 2007 (fol. 22) fejn eccepixxa :-

1. Fl-ewwel lok hemm in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti billi gurisdizzjoni li tnehhi lill-esekutur testamentarju ghandha l-istess Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja li tkun wettqet lill-esekutur testamentarju fl-inkarigu tieghu fit-termini tal-artikolu 765 tal-Kodici Civili. **Din l-eccezzjoni giet irtirata (fol. 88)**.

2. Effettivament l-atturi kienu ghamlu rikors f'dan is-sens quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja fis-16 ta' Jannar 2007, liema rikors iggib in-numru 5/2007, liema rikors ghadu pendenti billi kienu l-istess atturi li baqghu u ghadhom m'ottemperawx ruhhom sallum ma' dak li kien gie lilhom ordnat mill-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja bid-digriet taghha tat-22 ta' Frar 2007, u ghaldaqstant din il-kawza pprezentata fis-16 ta' Lulju 2007, hija intempestiva, frivola, u vessatorja. Din l-eccezzjoni giet irtirata **(ara dikjarazzjoni tad-difensur tal-konvenut li saret fis-seduta tas-16 ta' April 2009)**.

3. It-talba tal-atturi mhijiex motivata u msejsa fuq ragunijiet tajba u legalment validi izda hija motivata u msejsa minn animu ta' pika u ghira ghall-esponenti li minn fost il-qraba kollha tal-mejjet Dun Guzepp Vella, kien propju l-esponenti li fih il-mejjet kellu l-aktar fiducja tant li afdah bl-amministrazzjoni tal-assi tieghu ghal wara mewtu u nnominah esekutur testamentarju fit-testment tieghu li kien ghamel fl-atti tan-Nutar John Debono tal-23 ta' Jannar 2004.

4. L-esponent huwa kapaci li jwettaq id-dmirijiet tieghu ta' esekutur testamentarju skond il-ligi u m'ghandu ebda impediment legali, u kull pass li ghamel bil-parir u assistenza legali u kull darba rrikorra lill-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja, u dak li ghamel ghamlu bl-awtorizzazzjoni taghha.

5. L-esponenti konxju tal-fatt kemm l-atturi qed jaghmlulu xkiel kbir biex ta' xejn b'xejn iwaqqfuh milli jwettaq id-dmirijiet tieghu ta' esekutur testamentarju, kif wara kollox jixhdu l-hafna rikorsi vessatorji kontra tieghu u li saru u ghadhom isiru mill-atturi quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja, u li huma hsiebhom fih biex jippruvaw jaqbduh f'nassa, huwa qed jirrikorri kull darba ghall-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja f'kull haga li jkun irid jaghmel konnessa mal-likwidazzjoni u amminstrazzjoni tal-wirt tal-mejjet, inkluz ukoll fuq hwejjeg ta' semplici amministrazzjoni jew li jridu jsiru bil-ligi, u sahansitra fejn ma jkunu hemm ghalfejn li tintalab tali awtorizzazzjoni, u dan biex ma jaghtix lok lill-atturi ghal ebda akkuza li huwa mhuwiex qed iwettaq dmiru sewwa jew minghajr ma huwa awtorizzat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Fis-seduta tas-16 ta' April 2009 semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li Joseph Vella jitnehha minn esekutur testamentarju ta' Reverendu Dun Giuseppe Vella li miet fis-26 ta' Gunju 2006. Kien b'digriet moghti fid-9 ta' Novembru 2006 (fol. 79) li l-attur gie konfermat bhala esekutur testamentarju tad-decujus. Skond it-testment li ghamel it-testatur fit-23 ta' Jannar 2004 fl-atti tan-nutar Dr John Debono (fol. 7):-

*"It-testatur jinnomina u jistitwixxi bhala esekutur testamentarju tieghu lin-neputi tieghu Joseph Vella, bin Lawrence (hu t-testatur) u Carmela nee Camilleri, twieled u residenti l-Qala, Ghawdex, u jakkordalu il-poteri kollha koncessi mil-ligi lill-esekuturi testamentarji, bil-fakolta assoluta u irrevokabbli illi* ***jillikwida u jaqsam il-gid*** *tieghu kif stipulat f'dan it-testment ............."*.

L-Artikolu 776(2) tal-Kodici Civili jipprovdi li esekutur testamentarju jista' jintehha ghal raguni tajba.

Fil-Kodici Civili l-ufficcju ta' esekutur testamentarju hi regolata mill-Artikoli 762 sa 778. Hu fatt innegabbli li dawn il-provvedimenti huma kemxejn xotti u wasal iz-zmien li jkun hemm revizjoni taghhom.

2. L-atturi, li huma whud mill-werrieta[1], qeghdin isostnu li l-konvenut:-

a. M'huwiex persuna idoneja sabiex iwettaq id-dmirijiet ta' esekutur testamentarju peress li gie *boarded out* mill-impjieg minhabba dizabilita mentali. It-trattazzjoni tad-difensur tal-atturi kienet limitata fuq l-argument li s-sahha mentali tal-konvenut hi fiha nnifisha raguni tajba sabiex il-konvenut jitnehha minn esekutur testamentarju.

b. Fil-kors tat-twettiq tad-dmirijiet tieghu ghamel affarijiet li m'humiex fl-ahjar interess tal-werrieta.

Hu fatt li l-konvenut qatt ma gawda mill-fiducja tal-atturi, li huma l-maggoranza tal-werrieta. Pero' fil-fehma tal-qorti dan il-fatt wahdu ma jistax jikkwalifika bhala raguni tajba sabiex jitnehha mill-inkarigu, iktar u iktar meta jirrizulta li m'hemmx kunsens ta' kullhadd.

3. **<u>Sahha tal-konvenut</u>**:- Mix-xhieda li nghatat minn Adrian Attard (rapprezentant tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali), irrizulta li (fol. 149-151):-

a. Fis-16 ta' Marzu 2003 il-konvenut kien *boarded out* minhabba depressjoni u beda jircievi pensjoni ta' invalidita.

b. Fid-9 ta' Marzu 2006 kien deher quddiem il-bord mediku, li ma wasalx ghal konkluzjoni dwar is-sahha mentali tieghu.

---

[1] B'kollox hemm sbatax-il werriet (ara fol. 69). Il-konvenut hu wkoll wiehed mill-werrieta.

c. Fis-6 ta’ Lulju 2006 rega’ deher quddiem il-bord u gie certifikat li ma kienx kapaci jahdem ghall-perjodu ta’ sena, minhabba dipressjoni.
d. Fil-5 ta’ Lulju 2007 rega’ deher quddiem il-bord u gie dikjarat li ma kienx kapaci jahdem minhabba *“paranoid delusional disorder”*. Skond certifikat mediku mahrug mill-psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino (1 ta’ Lulju 2006): *“He is still suffering from a paranoid disorder setting of chronic depression. He is still harbouring paranoid ideas with marked anxiety and feels very dispondent. He has lost interest in life and lacks motivation. In my opinion his condition renders him unfit for any form of gainful employment. I therefore support his claim for a renewal of his invalidity pension.”*. L-istess tabib hareg certifikat iehor fit-30 ta’ Gunju 2007 fejn rega’ kkonferma li l-pazjent kien ghadu qieghed ibati minn *paranoid disorder setting of chronic depression*.

Minghajr dubju mid-desposizzjoni ta’ Adrian Attard, bazata fuq certifikati u rapporti medici, ma nghatatx stampa sabiha tas-sahha mentali tal-esekutur testamentarju. Madankollu fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2008 (fol. 186) xehed it-tabib Dr Joseph Vella Baldacchino, li filwaqt li kkonferma li kien ilu s-snin jara lill-konvenut bhala pazjent, iddikjara:-

a. il-problemi ta’ sahha tal-konvenut kienu dipressjoni u problemi ta’ natura paranojka.
b. *“L-istadju tal-chronic depression tkun f’sitwazzjoni fejn il-pazjent ma jkollux inizjattiva, ma ghandux hegga, ikollu l-apatija. Ittieh x’ittieh pilloli ma tarax illi hemm kambjament. Fil-kaz tal-konvenut ma huwiex il-kaz li jien nista’ nghid illi dan isofri minn chronic depression.”*.
c. ghal dak li hu paranoia, *“Joseph Vella kien jissuspetta hazin, jigifieri illi kien ser jigrilu xi haga. Din kienet xi haga relatata max-xoghol tieghu.”* (fol. 186).
d. il-pazjent seta’ jirraguna. Minkejja l-problemi li kellu l-konvenut, meta kien ikellmu kien koerenti; *“Jiena dejjem orjentat rajtu.”*.
e. il-pazjent hu kapaci jaghmel testment. Dwar negozju, kollox jiddependi mill-entita fis-sens li jiddependi kemm hu kumpless, *“jekk hu jkollu l-assistenza ta’*

*haddiehor, ma ghandi l-ebda dubju illi jkun jista' jaghmilhom dawn l-affarijiet, kif ukoll illi hu qieghed f'posizzjoni illi jesprimi gudizzju."*.

f. fl-ahhar darba li kien rah, xi sena qabel, il-pazjent kien deher iktar kalm u trankwil. Ma kellu l-ebda difetti fil-fakolta konjittiva, u ma kienx qieghed juri sintomi ta' depressjoni kif kien qieghed juru meta kien rah l-ewwel darba.

4. Skond l-Artikolu 763 tal-Kodici Civili: *"Ma jistax ikun esekutur testamentarju min ma jistax jintrabat b'obbligazzjoni."*. Il-konvenut m'huwiex interdett jew inabilitata u m'hemmx dubju li ghandu l-uzu tar-raguni. Inoltre, mill-provi li ressqu l-atturi l-qorti m'hijiex moralment konvinta li l-konvenut li s-sahha mentali tal-konvenuta qeghda tkun ta' xkiel sabiex iwettaq id-dmirijiet ta' esekutur testamentarju. Jirrizulta wkoll li sa mill-bidunett l-esekutur testamentarju fittex u qieghed jinghata l-assistenza minn avukat[2]. Fil-fehma tal-qorti x-xewqa tat-testatur ghandha tigi rispettata mill-werrieta kollha. Il-qorti kellha l-opportunita tisma' lill-konvenut jixhed u m'ghandha l-ebda dubju li ghandu l-uzu tar-raguni, u anzi hi moralment konvinta li bhalissa l-istat mentali tieghu m'huwiex m'huwiex ta' ostakolu sabiex iwettaq id-dmirijiet tieghu. Inoltre, il-Magistrat sedenti li jippresjedi wkoll fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Volontarja kellu l-opporunita' jiehu konjizzjoni ta' diversi rikorsi li saru mill-esekutur fejn talab l-awtorizazzjoni tal-qorti qabel jaghmel xi haga bhala parti mid-dmirijiet tieghu. Hu wkoll evidenti li l-konvenut ghandu l-assistenza tal-avukat Dr Mario Scerri. Hu minnu li skond it-testment l-esekutur inghata poteri wesghin, u cjoe' li *".....jillikwida u jaqsam tieghu (tat-testatur) kif stipulat b'dan it-testment....."* (fol. 74). Poteri li fil-fehma tal-qorti jinkludi dak tax-xoljiment tal-komunjoni ereditarja, formazzjoni ta' kwoti u tqassim ta' gid. Fil-kaz in kwistjoni lanqas mhu validu l-argument li l-ezekutur ghandu kunflitt ta' interess dwar il-mod kif issir il-qasma

2 Ara ittra legali datata 9 ta' Awwissu 2006 (fol. 244) mibghuta lil wiehed mill-atturi fejn l-avukat Dr Mario Scerri nfurmah li kien gie nkarigat minn Joseph Vella sabiex jassistih fit-twettiq tal-inkarigu ta' esekutur testamentarju.

peress li hu wiehed mill-werrieta[3]. Dan qieghed jinghad peress li jidher li minhabba n-numru kbira ta' werrieta u mehud in konsiderazzjoni l-konsistenza tal-eredita, m'huwiex possibbli li l-qasma ssir in-natura. Hu wkoll evidenti li fil-qasma tal-wirt u hlas ta' legati mhollija, m'hemm xi kumplikazzjonijiet li minhabba l-kundizzjoni medika tal-konvenut tirrendih persuna mhux idonea sabiex ikompli bl-inkarigu.

5. **<u>Ilmenti ohra dwar l-agir tal-konvenut</u>**:- il-qorti hi tal-fehma li l-atturi m'ghandhomx ragun fid-dubju li qeghdin jipprovaw inisslu fuq l-operat tal-konvenut. L-ezempji li jsemmu l-atturi, m'humiex tali li jwasslu lill-qorti sabiex tiddikjara li obbjettivament irendu lill-konvenut mhux meritevoli tal-fiducja li ggorr maghha l-kariga jew li wettaq xi irregolaritajiet tali li jiggustifikaw it-tnehhija tieghu minn esekutur testamentarju. Hekk per ezempju fir-rigward:-

(a) Tad-dikjarazzjoni *causa mortis*, il-qorti ma taqbilx li l-valuri dikjarati huma ta' pregudizzju ghall-werrieta. Dan apparti l-fatt li l-valuri huma bazati fuq stima li ghamel il-perit Taddeo Busuttil fuq inkarigu tal-konvenut, u mhux xi stima arbitrarja tal-konvenut[4]. Il-fatt li hemm diskrepanzi fl-istima li ghamlu l-periti rispettivi nkarigati mill-kontendenti, ma jfissirx li l-konvenut qieghed iwettaq id-dmirijiet tieghu kontra l-interessi tal-werrieta. Stima ta' proprjeta tiddependi minn opinjoni li fiha nnifisha ghandha element soggettiv qawwi. Inoltre, kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-atturi, l-intaxxar tad-dritt tal-konvenut mhux bilfors jsir fuq il-valuri tal-proprjeta' li jissemmew fil-*causa mortis*.

Dwar id-dikjarazzjoni *causa mortis* il-qorti ttendi taqbel mal-atturi li ma kellux jigi dikjarat li l-konvenut kien qieghed jidher f'isem l-atturi. Il-ligi tobbliga lill-esekutur

[3] Fil-ligi Taljana vigenti m'huwiex possibbli ghall-werriet li jkun esekutur testamentarju jekk it-testatur jkun tah l-inkarigu biex jaqsam il-wirt (ara Artikolu 706 tal-Kodici Civili). Provvediment li hu ntiz biex jeskludi l-interess li jkollu l-esekutur testamentarju f'tali cirkostanzi.
[4] Ara affidavit tal-perit Busuttil a fol. 248.

testamentarju sabiex jaghmel id-dikjarazzjoni *causa mortis* (ara Artikolu 33(6) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti – Kap. 364), u kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-atturi[5] ma kien hemm l-ebda obbligu fuq l-esekutur testamentarju li jitlob l-awtorizazzjoni tal-werrieta. Mill-provi ma rrizultax li l-atturi kienu taw xi mandat lill-konvenut sabiex jidher ghan-nom taghhom. Tant hu hekk li permezz ta' ittra legali datata 30 ta' Ottubru 2006 (fol. 223) gharrfuh li ser jiehdu hsieb jaghmlu l-*causa mortis* fir-rigward tas-sehem taghhom. Fil-*causa mortis*, kull ma kellu jiddikjara l-konvenut kien li qieghed jidher bhala esekutur testamentarju tal-wirt, u xejn iktar. Madankollu dan in-nuqqas m'huwiex raguni tajba sabiex il-konvenut jigi mnehhi minn esekutur testamentarju.

Ilment iehor hu li l-atturi ma kienux infurmati meta kienet ser issir id-dikjarazzjoni *causa mortis*. Fl-ewwel lok il-qorti ghandha dubju kemm l-esekutur kellu obbligu li jgharraf lill-werrieta bid-data meta kien ser jigi pubblikat l-att. Madankollu wara li l-atturi baghatu ittra legali datata 30 ta' Ottubru 2006 (fol. 223) fejn infurmaw lill-esekutur li *"....ser jipprocedu bil-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni causa mortis fir-rigward ta' sehemhom mill-eredita' tal-mejjet Fr. Joe Vella."*, permezz ta' ittra ufficjali prezentata fl-24 ta' Novembru 2006 (fol. 224) gew infurmati li kien ghad hemm rikors pendenti quddiem il-qorti volontarja (numru 71/2006) sabiex il-konvenut jigi awtorizzat jipprocedi ghall-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni *causa mortis*. Fid-9 ta' Novembru 2006 inghata d-digriet mill-qorti volontarja u li permezz tieghu l-konvenut gie awtorizzat jaghmel id-dikjarazzjoni *causa mortis*. L-atturi kienu jafu li nghata dan id-digriet tant li fl-20 ta' Novembru 2006 ipprezentaw rikors quddiem il-qorti volontarja (fol. 56) fejn talbu sabiex il-qorti tordna lill-esekutur testamentarju ma jaghmilx id-dikjarazzjoni causa mortis in kwantu din kienet tirreferi ghas-sehem tal-atturi. Inoltre, rrizulta li l-attur Alfred Vella kien gie nfurmat minn bintu (l-attrici Dr Karen Kelder Vella) dwar id-data meta kellha ssir id-dikjarazzjoni causa mortis; *"Jien pero' hu fatt illi cempilt lin-Nutar Dimech*

---

[5] Ara paragrafu numru tmienja (8) tar-rikors guramentat (fol. 2).

*dakinhar illi kellha ssir id-denunzja u ghidtlu li jien mhux ser immur ghandu ghad-denunzja ta' hija Dun Guzepp ghaliex jiena ma kont involut f'xejn. Jiena kif ghidt diga', sirt naf bid-data meta ser issir il-causa mortis ta' hija ghaliex kienet cemplitli binti minn barra minn Malta."* (fol. 218).

(b) Bejgh ta' garaxx u giardina annessa fi Triq San Guzepp, Qala. Il-fond inbiegh bl-awtorizazzjoni tal-qorti wara li kien gie nkarigat il-perit Valerio Schembri li ghamel stima li l-fond jiswa €209,643[6]. Il-werrieta kellhom kull opportunita' li jaghmlu offerta. Inoltre, jirrizulta li kienu nfurmati bin-negozju u gew ukoll pubblikati avvizi f'gazzetti lokali. M'hemmx dubju li l-fond ma kienx kommodament divizibbli bejn sbatax il-werriet u ghalhekk ghalhekk ma kienx hemm alternattiv ghall-bejgh. Il-qorti lanqas ma tista tifhem kif Alfred Vella, wiehed mill-atturi, jibqa' jsostni li: *"Ghadni ma nafx fuq liema kriterju huwa ghazel lil Paul Scicluna sabiex ikun ix-xerrej tal-garaxx ta' hija u kemm dahlu offerti bl-ammonti rispettivi."* (affidavit a fol. 208), meta flimkien mal-ittra datata 15 ta' April 2007 (fol. 226) gie anness kopja tad-digriet moghti fit-30 ta' Marzu 2007 mill-qorti volontarja (fol. 228)[7]. Ghalkemm l-attur Alfred Vella xehed li mal-ittra li rcieva ma kienx hemm kopja tad-digriet, il-qorti hi tal-fehma li hi x'inhi l-verita l-atturi kellhom id-dettalji relattivi u setghu ghamlu ricerka fil-qorti. Wiehed ma jistax jonqos milli jsemmi wkoll li l-prezz tal-bejgh (€209,643) hu iktar mill-istima li ghamel il-perit inkarigat mill-atturi datata 13 ta' Jannar 2009 (€198,000 – fol. 261).

(c) Tal-immobbli li skond l-attur Alfred Vella ma ssemmitx kollha fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li saret mill-konvenut (ara affidavit tal-attur a fol. 108). Alfred Vella xehed li hemm ukoll:-

- Tomna raba' maghrufa tal-Bajjad, il-Qala, Ghawdex.

[6] Fol. 228.
[7] Fid-digriet tissemma kull offerta li saret.

- Zewg porzjonijiet art f'Amaraldo tas-Simar, il-Qala, Ghawdex kull wahda tal-kejl ta' 0.20 tomna.
- Porzjon art fiz-zona tas-Simar, Qala, Ghawdex fejn Dun Guzepp kien imur jonsob u li m'hijiex dikjarata fid-denunzja ta' missieru (Bernardo Vella).

L-atturi ma pprezentawx dokumenti sabiex jaghtu prova li l-art li semma Alfred Vella tifforma parti mill-gid tal-familja. Alfred Vella xehed li li l-art hi provenjenti mill-wirt ta' missierhom Bernardo Vella. Jidher li l-konvenut ibbaza d-dikjarazzjoni li ghamel fit-22 ta' Novembru 2006 fl-atti tan-nutar Dr Kristen Dimech (fol. 11) fuq id-dikjarazzjoni causa mortis li ghamel Dun Guzepp Vella meta mietet ohtu Tereza Vella (ara fol. 237) u f'liema dikjarazzjoni l-art fuq imsemmija ma tissemmix. Hi x'inhi s-sitwazzjoni l-qorti temmen li jekk ghad hemm xi proprjeta' mill-wirt ta' Bernardo Vella li fih Dun Guzepp Vella ghandu sehem, tista' dejjem issir dikjarazzjoni addizzjonali. Il-qorti m'ghandix dubju li l-esekutur testamentarju ddikjara il-proprjeta' li kien jaf li tappartjeni lill-mejjet.

Fl-aharnett il-qorti m'hijiex sodisfatta li l-atturi rnexxielhom jaghtu prova sodisfacenti li l-konvenut qieghed ihedded xi whud mill-werrieta, allegazzjoni li l-konvenut cahad. Inoltre, ukoll fir-rigward tal-investimenti li l-mejjet kellu mal-banek ma jidhirx li l-konvenut qieghed jaghmel xi haga kontra l-interessi tal-werrieta. Hekk per ezempju mix-xhieda ta' John Cauchi (fol. 110)[8] rrizulta kif:-

- Fid-data tal-mewt id-decujus kellu sitt kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc.
- Il-flus gew trasferiti f'kont f'isem Joseph Vella nomine[9]. Mid-dokumenti li pprezenta x-xhud jirrizulta li giet trasferita s-somma ta' Lm55,098 (fol. 117[10]).

---

[8] Ara wkoll xhieda ta' Michael Hili fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2009 (fol. 265) dwar investiment fis-SICAV funds.
[9] Kont numru 071-116149-050.
[10] Dokument JV6 jaghti rendikont tal-flus li gew sbankati bejn il-25 ta' Novembru 2006 u 8 ta' Ottubru 2007.

- Mill-flus li kienu depozitati fid-data tal-mewt giet sbankata s-somma ta' Lm3,575, *"....biex sar pagament tat-taxxi lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Is-somma ta' elf mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm1,168) thallsu lin-Nutar Dottor Kristen Dimech. Nikkonferma li mbaghad hemm ammonti ta' flus zghar illi ukoll tnaqqsu pero' dawn huma charges tal-bank."*. Spjega wkoll li f'Awwissu 2007 thallaset is-somma ta' Lm261 lill-avukat Dr Mario Scerri u Lm106 lill-perit Teddie Busuttil.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi tilqa' r-raba (4) eccezzjoni u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija tichad it-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------